Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Frar 2026
(OR. en)

5970/26

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0344 (COD)**

**CODEC 156**
**ENV 89**
**CLIMA 45**
**AGRI 87**
**FORETS 15**
**ENER 46**
**TRANS 45**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Frar 2023[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

[1] 14265/22 + ADD 1 sa 4.
[2] ĠU C 146, 27.4.2023, p. 41.

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024[3].

5. Fit-8 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva[4] msemmija hawn fuq, wara li kienu saru kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

6. Fil-21 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil proviżorju. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi[5].

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 14144/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 14144/25 ADD 1 REV 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Bulgarija.

8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

---

[3] 10562/24.
[4] 13706/25.
[5] 14345/25.